Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,552, 19 ta' Diċembru, 1997
Taqsima B

A.L. 219 ta' l-1997

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET
(KAP. 35)

Regolamenti ta' l-1997 dwar id-Drittijiet fuq Ċertifikati tad-Dwana

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar id-Drittjiet, il-Ministru tall-Finanzi u Kummerċ għamel ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1997 dwar id-Drittjiet fuq Ċertifikati tad-Dwana, u għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 1998.

Dritt li għandu jitħallas.

2. Għandu jinġabar mill-Kontrollur tad-Dwana, dwar kull ċertifikat maħruġ mid-Dipartiment tad-Dwana, dritt ta' ħames liri Maltin.

Ħassar l-A.L. 107 ta' 1979.

3. Ir-Regolamenti ta' l-1979 dwar id-Drittijiet ta' Ċertifikati tad-Dwana huma b'dan imħassrin.